**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, il-15 ta' Dicembru 2022**

Kaz Nru: 64/2016

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Spiridione Zammit)

**kontra**

**GLENN ABELA**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 213188(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Glenn Abela** ta' sitta u ghoxrin (26) sena bin Francis u Bernardette nee' Portelli imwieled Pieta fit-2 ta' Mejju 1988 u joqghod EWYA, Triq is-Salezjani, Dingli, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 213188M, akkuzat talli fix-xahar ta' Marzu 2015 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal importazzjoni jew

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-licenjza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma keinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Interni tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. B'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mituba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta li saret fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2021;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

[1] Fol. 6 tal-atti processwali
[2] Fol. 54 tal-atti processwali

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li nhar it-3 t'April 2015, il-qua imputat Glenn Abela rraporta lill-pulizija li huwa kien kkonsma xi eroina gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dana wara li ghaddielu l-istess sustanza prigunier iehor, Stefan Cutajar. Mir-rekords tal-habs li gew ipprezentati fl-iter processwali odjerni jirrizulta li l-qua imputat kien instab pozittiv ghas-sustanza eroina fis-26 ta' Marzu 2015. Stefan Cutajar gie interrogat mill-pulizija kif ukoll xehed fil-proceduri odjerni madanakollu nnega li huwa qatt ghadda d-droga lill-qua imputat Abela.

B. Kwistjonijiet Preliminari – Stqarrija tal-imputat

Illi fl-udjenza tal-15 ta' Frar tas-sena 2022, id-difiza talbet ghall-isfilz tal-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat fl-istadju tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija. Dana l-ghaliex il-qua imputat ma kienx assistiet legalment waqt l-imsemmi interrogatorju u lanqas ma gie offrut dan id-dritt. Mill-atti processwali jirrizulta li din l-istqarrija giet irrillaxata nhar is-7 ta' April 2015 lill-ispettur Spiridione Zammit fil-prezenza tal-ispettur Paula Ciantar u dana wara li l-imputat inghata bizzejjed informazzjoni dwar id-dritt tas-silenzju. Abela rrifjuta jiffirma din l-istqarrija u anke ma xtaqx jigguramentaha. Jidher ukoll mill-atti processwali li huwa gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija ghall-massimu ta' siegha. Abela jidher li rrifjuta dan id-dritt u in sostenn ta' dan iffirma dikjarazzjoni (PC[3]) fil-prezenza ta' PS185 R. Mifsud. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jiggustifikaw il-fatt li l-imputat ma giex moghti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija. Fil-fatt hu nghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat limitament ghall-perjodu ta' siegha qabel il-bidu tal-istqarrija. Konsegwentament jirrizulta li l-unika raguni l-ghaliex il-qua imputat ma giex mghoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija kienet li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan it-tip ta' dritt imma kienet tipprovdi li l-imputat jinghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat limitament ghall-perjodu ta' siegha qabel it-tehid tal-istqarrija. Min qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu rigward l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u li l-istess stqarrija (ghar-

[3] Fol. 48 tal-atti processwali.

ragunijiet li ser jigu spjegati iktar tard f'din is-sentenza) hija l-unika prova fil-konfront tieghu. Din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[4]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

C. Kunsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni l-qua imputat jinsab akkuzat b'pussess semplici tas-sustanza eroina. Tenut kont li hekk kif inghad iktar qabel f'din is-sentenza din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija rrillaxata mill-imputat, l-unika prova rimanenti hija x-xhieda tal-ufficcjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jikkonfermaw li fis-26 ta' Marzu 2015, Abela rrizulta pozittiv ghas-sustanzi morfina u opiates u dana wara li sarlu test ta' kampjun tal-urina.

Fir-rigward tar-rizultanzi ta' dan it-test tal-urina, jrid jinghad li din il-Qorti hija sprovista minn kwalunkwa prova dwar kif ittiehed dan it-test u min analizzah. Il-persuna li analizzatu ma tressqitx tixhed quddiem din il-Qorti bil-ghan li tikkonferma r-rizultanzi taghha bil-gurament. L-unika xhieda li xehdu kienu ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li pprovdew ir-rekords tal-istess Facilita'. Minghajr pregudizzju ghal dan, jinghad ukoll li anke li kieku l-persuna li analizzat dan il-kampjun tressaq sabiex jixhed dan kien ikun biss xhud ordinarju galadarba ma gie qatt mahtur minn din il-Qorti bhala perit legali ai termini tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentament, din il-prova ma tista' qatt tigi meqjusa bhala prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi sabiex il-qua imputat jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentament Abela ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni.

[4] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

Galadarba l-qua imputat ser jigi illiberat mill-ewwel imputazzjoni, lanqas it-tieni imputazzjoni (li tirrigwarda r-recidiva) ma tista' qatt tirrizulta pruvata u konsegwentament ser jigi illiberat mill-istess.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qed issib lill-qua imputat Glenn Abela mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur